MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Talba Numru. 334/2010

**MelitaUnipol Insurance Agency Limited
C-22256**

**vs**

**Salamone Carlo (ID.No-33418A) u b'digriet tal-21 ta' Gunju 2010
giet kjamata in kawza s-socjeta' Arredando Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett elef tlett mija u wiehed u hamsin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€3,351.95c) rapprezentanti danni mhallsa mis-socjeta' attrici bhala assikurattrici tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBH-639, liema vettura kienet involuta f'incident tat-traffiku gewwa Catania, l-Italja fid-19 ta' Novembru 2006 waqt li kienet misjuqa mill-

konvenut, u dan minkejja li l-vettura ma kinietx koperta ghar-riskji msemmija, liema hlas sar taht l-obbligi internazzjonali li ghandha kull kumpanija assikurattrici.

Illi l-imsemmi ammont qatt ma gie rifuz lis-socjeta' attrici mill-konvenut minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex jaghmel dan.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali 5609/09 u bl-interessi kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi, in linea preliminari, il-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante li s-socjeta' attrici qatt ma kkomunikat jew ikkonsultat mal-konvenut biex tivverifika l-fatti li taw lok ghall-incident in kwistjoni kif kienet fid-dmir li taghmel bil-ghan illi jigu salvagwardjati l-interessi tal-assigurat taghha, u ultimament dawk taghha stess; u qabdet u ammettiet ir-responsabilita' minghajr ma kienet taf il-fatti tal-kaz u kwindi hallset ghall-hsarat in kwistjoni arbitrarjament u minghajr bazi legali u fattwali. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut mhuwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Illi inoltre l-ammont reklamat huwa eccessiv u ma jirrispekkjax id-danni attwalment sofferti. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra r-rikors tas-socjeta' attrici datat 18 ta' Gunju 2010, u d-digriet ta' dan it-Tribunal datat 21 ta' Gunju 2010, li permezz tieghu giet akkolta t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kjamata in kawza tas-socjeta' Arredando Limited.

Ra li s-socjeta' kjamata in kawza, Arredando Limited, debitament notifikata, naqset milli tikkontesta l-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi, u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Semgha x-xhieda mressqa mis-socjeta' attrici, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnha.

Ra l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Marzu 2012, fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-kawza ghandha tithalla ghas-sentenza.

Ikkunsidra,

Illi in forza ta' din l-azzjoni, is-socjeta' attrici qed titlob rizarciment minghand l-assikurat taghha stess, il-konvenut f'din il-kawza, tad-danni li l-istess socjeta' attrici giet kostretta li thallas lil terzi in segwitu ta' incident awtomobilistiku li sehh fid-19 ta' Novembru 2006 f'Catania, Sqallija, waqt illi l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBH-639. Illi mid-dokumenti pprezentati mis-socjeta' attrici rrizulta illi l-istess socjeta' attrici harget polza ta' assigurazzjoni f'isem il-konvenut, relattiva ghall-vettura bin-numru ta' registrazzjoni in kwistjoni, li l-perjodu ta' kopertura taghha kien mill-1 ta' Ottubru 2006 sat-30 ta' Settembru 2007, u t-tip ta' kopertura ghal din il-vettura kien *third party fire and theft*, kif jirrizulta mill-istess certifikat (a fol. 47).

Illi mid-dokumenti li gew ezebiti in atti, aktar specifikament il-*front to rear form* li giet mimlija mis-sewwieqa taz-zewg vetturi involuti fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni, jirrizulta konfermat dak li qed jigi allegat mill-istess socjeta' attrici, u cioe' illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBH-639 misjuqa mill-konvenut, sfat involuta f'incident awtomobilistiku gewwa Sqallija. Irrizulta wkoll illi in segwitu ghall-iskambju ta' hafna korrispondenza bejn is-socjeta' attrici u l-Ufficio Centrale Italiano, is-socjeta' attrici wettqet hlas – in forza tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva - fl-ammonti ta' elfejn tliet mija u hamsa u erbghin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€2,345.31c),disa' mija u tmienja u disghin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€998.64c) u tmien Ewro (€8) f'charges, u dan ghad-danni subiti minn terzi in segwitu tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni, u dan kif jirrizulta mid-dokumenti li permezz taghhom gew imwettqa l-*bank transfers* relattivi (a fol. 27 u 28). Illi dawn huma l-ammonti - li kumplessivament jammontaw ghal tlett elef tlett mija u wiehed u hamsin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€3,351.95c) - li gew imhallsa mis-socjeta' attrici lil terzi, li taghhom is-socjeta' atrici qed titlob

refuzjoni minghand il-konvenut, u dan a bazi ta’ ksur tal-kundizzjonijiet tat-termini tal-polza ta’ assigurazzjoni rilaxxjata mis-socjeta’ attrici a favur tal-konvenut.

Illi mill-atti jirrizulta wkoll illi l-kopertura fuq din il-vettura kienet ristretta ghat-territorju ta’ Malta, ladarba l-assigurat naqas milli jhallas *additional premium* u ma nhargitx *endorsement* mis-socjeta’ assiguratrici, li permezz taghha l-kopertura tkun giet estiza ghat-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea. Illi ghalhekk, meta l-konvenut hareg il-vettura in kwistjoni barra t-territorju ta’ Malta, minghajr ma talab li l-kopertura fuq il-vettura tigi estiza ghat-territorju fejn il-konvenut kien bil-hsieb li jiehu l-vettura in kwistjoni, hu kiser it-termini u disposizzjonijiet tal-polza ta’ assigurazzjoni in kwistjoni, li jwassal sabiex is-socjeta’ attrici assiguratrici tkun ezenti milli taghmel tajjeb – ghan-nom tal-assigurat taghha – ghad-danni li gew kkawzati lil terzi f’dak it-territorju esteru. Illi b’applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll tad-Direttiva 2009/103/EC tal-Parlament Ewropew, li tittratta dwar *insurance against civil liability in respect of the use of motor vehicles, and the enforcement of the obligation to insure against such liability,* is-socjeta’ attrici giet kostretta li twettaq il-hlas lit-terz sinistrat, bid-dritt ta’ rizarciment minghand l-assigurat taghha, ladarba dan naqas milli jottempera ruhu u jaderixxi mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza ta’ assigurazzjoni.

Illi ghalhekk, mill-provi mressqa mis-socjeta’ attrici, it-talba taghha ghal rizarciment tad-danni minghand l-assigurat taghha stess, il-konvenut, tirrizulta sodisfacentement ippruvata u timmerita illi tigi akkolta.

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni sollevata mill-konvenut illi mhux il-legittimu kontradittur, u li ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, din l-eccezzjoni ma giet bl-ebda mod sostanzjata, u ladarba l-polza ta’ assigurazzjoni giet rilaxxjata mis-socjeta’ attrici specifikament f’isem il-konvenut – u dan a bazi ta’ informazzjoni rizultanti mill-*proposal form* li giet sottomessa mill-konvenut stess – u l-vettura jidher li kienet qed tigi misjuqa mill-konvenut stess fil-hin tal-

incident, allura tali eccezzjoni ma tistax tigi akkolta. Illi in forza ta' tali polza ta' assigurazzjoni, inholoq ness kontrattwali bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut, u l-fatt illi l-konvenut fil-*front to rear form* iddikjara li l-vettura kienet proprjeta' ta' Arredando Limited, ma jezonerax lill-konvenut milli obbligi kontrattwali tieghu fil-konfront tas-socjeta' attrici naxxenti mill-polza ta' assigurazzjoni relattiva. Illi inoltre ma tressqet ebda prova dwar xi rabta kontrattwali u / jew guridika bejn is-socjeta' attrici u dik kjamata fil-kawza, u ghalhekk l-istess socjeta' kjamata in kawza qed tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta gustifikata u ppruvata, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjonijiet tal-konvenut, u jillibera lis-socjeta' kjamata in kawza mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament fil-konfront tal-konvenut, u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet elef tliet mija wiehed u hamsin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€3,351.95c), bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------